SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 57**

**L-ERBGĦA 7 ta' DIĊEMBRU 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 56 ġew approvati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Fava ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk sarux xi żviluppi fl-applikazzjoni għall-fondi UIF għat-Tennis Court. Is-Sindku spjegat li saret laqgħa fil-MEPA bejn il-membri tal-bord tal-UIF u rapprezentanza mill-Kunsill. Il-bord spjega ir-rikjesti u l-olterazzjonijiet li jridu jsiru fil-ġnien inklu fil-bini. Fost oħrajn trid tiġi olterata ir-rampa għall-użu tal-wheelchair kif wkoll issir rampa oħra biswit it-taraġ fi Triq il-Ħemel. Isiru olterazzjonijiet fil-bini sabiex it-toilets jiġi aċċessati kemm mit-Tennis Court kif ukoll mill-ġnien. Il-Perit tal-Kunsill li ukoll kien preżenti għal din il-laqgħa ser iħejji il-pjanti bl-olterazzjonijiet rikjesti u dawn jiġu sottomessi lill-UIF Bord sabiex jiġi diskussi fil-laqgħa tagħhom li jmiss. Il-Kunsillier issuġerixxa li meta t-toilets jiġu aċċessati anki mill-ġnien allura l-Kunsill ikun fid-dover li jqabbad attendent u għalhekk għadha tintalab żieda fl-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill qabel li meta dawn ix-xogħlijiet isiru, issir t-talba għal żieda fl-allokazzjoni.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar il-kisi bit-tarmak ta' Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li reġa kiteb lit-Transport Malta pero' għad ma waslitx risposta.

3. Il-Kunsilier staqsa jekk waslitx si konferma mit-Transport Malta dwar meta ser tibda ir-rotta l-ġdida tat-Transport Pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx konferma. Il-Kunsillier talab saibex tintbagħat "reminder"

4. Il-Kunsillier staqsa l-possibilta' ta' knis aktar spiss fiż-żona ta' Villa Rosa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jitkellem mall-kuntrattur ikkonċernat.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli..............................)

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

5. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jitkomplew ix-xogħljiet ta' kisi bit-tarmak fi Triq Pedidalwett. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minħabba dislivelli fit-Triq, it-tarmak ma jistgħax jitkompla għalissa. Il-Kunsill għamel talba għall-livelli uffiċjali mill-MEPA. Meta dawn jaslu il-Perit tal-Kunsill ikun jista jikkordina x-xogħlijiet. Il-Kunsillier ma qabilx bi spejjes għall-livelli li ser jintefqu peress li avolja b' livelli ġodda mhux ser titranġa s-sitwazzjoni minħabba dislivel qawwi li jeisti f' din it-Triq.

6. Il-Kunsillier staqsa x' ġara dwar is-siġra ta' Triq il-Moletta. Is-Segretarju nforma li waslet korrispondenza irreġistrata mingħand resident li qed jitlob li din is-siġra għanda tinqala' peress li miżruha fuq il-bankina u qed tkun ta' ostaklu għal dawk li jużgħu siġġu bir-roti. Il-Kunsill ikkonkluda li għandha tinkiteb ittra lir-resident sabiex tiġi iffissata laqgħa mas-Sur Mallia Borg li quddiemu miżruha l-imsemmija sigra. Bejnithom jistgħu jilħqu kompromess. Jekk ma jasalx ftehim, din il-kwestjoni tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier irraporta li l-kurduna li saret fi Triq il-Marbat, li saret mill-ħaddiema tal-Public Works ġiet baxxa u għaldaqstant il-periklu għad ma ġiex eliminat għal kollox. Is-Segretarju ħa l-inkariġu li jinforma lill-kuntrattur ikkonċernat.

2. Il-Kunsillier irraporta li garaxx fi Triq il-Keffa qed jintuża għal xogħlijiet industrijali. Hu staqsa biex jiġi indagat jekk is-sid għandux *change of use*.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għall-korrispondenza li intbagħatet lit-Transport Malta dwar il-ħsarat li saru fis-saqaf tal-bridge fi Triq is-Swieqi. Dawn il-ħsarat saru waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' kisi bit-tarmak fil-wiċċ tat-Triq fi Triq Mikiel Anton Vassalli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għad ma wasalx acknowledgement.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat bil-laqgħa li kellha mall-MEPA dwar il-fondi tal-UIF.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa ma' l-accountant u l-Perit tal-Kunsill. Fil-laqgħa ġew diskussi il-bilanċ ta' finanzi li ser jgħaddi għas-Sena 2012 kif ukoll l-estimi għall-kisi bit-tarmak ta' Triq il-Qasam. Il-Kunsill ikkonkluda li jkun aħjar li qabel ma ssir is-sejħa għall-offerti għall-imsemmija xogħlijiet, tispiċċa s-Sena finanzjarja b' hekk il-Kunsill ikun f' pozizzjoni aħjar li jkun jaf il-pozizzjoni finanzjarju tal-Kunsill.

3. Ġiet iffisata l-laqgħa li ser issir ma' l-uffiċjali tal-Pulizija tad-distrett dwar il-ftuħ u l-għeluq ta' toroq għall-festi tal-Milied.

4. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mall-Ministru Pulliċino. F' din il-laqgħa ġew diskussi il-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku fi Triq il-Keffa. Is-Sindku nfurmat infurmat li l-pjanti diġa ġew sottometti lill-MEPA għall-approvazzjoni.

5. Is-Sindku nfurmat li kellha programm ta' siegħa fuq Radio Maria. Il-Kunsillier Fenech ukoll attenda għal dan il-programm.

6. Is-Sindku resqet it-talba għall-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv. Hi rrakomandat 10%. Il-Kunsill unanimament qabel ma l-appraisal report li ġie mħejji mis-Sindku, filwaqt li irringrazzjat lis-Segretarju għax-xogħol siewi li hu wettaq fil-Kunsill matul is-Sena.

7. Offerti ta' dawl ta' tiżjin għal Milied
   Is-Sindku nfurmat li ġiet sottomessa kwotazzjoni waħda biss. Din waslet mingħand is-Sur Noel Borg €2300. Il-Kunsill unanimament aċċetta il-kwotazzjoni u talab biex id-dawl jinxtgħal mill-aktar fis.

8. Ikla tal-Milied għall-Kunsillieri u membri tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena.
   Wara li ġew ippreżentati l-kwotazzjonijiet sar qbil li din l-attivita' għandha ssir fil-Madliena Cottage.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

### Mill-Kunsillier Gordon Shephard

1. Il-Kunsillier irrimaka dwar ix-xogħlijiet ta' bankini li qed isir minn nies tal-Gvern (distrett) u nforma li dawn jistgħu isiru ħafna aħjar. Hu rrimarka li il-finishing ma sarx kif titlob is-sengħa. Is-Segretarju ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-kuntrattur.

*Il-Kunsillier Shephard talab biex ikun skużat. Ħin 6.30p.m.*

### Mill-Kunsillier Rene' Rossignaud

1. Il-Kunsillier irraporta li l-ġnien qed ikun ta' periklu għat-tfal żgħir li jiffrekwentawħ minħabba li fih ħafna entraturi. Hu rrikomanda li minn erbgħa entraturi għandhom jingħalqu tnejn. Il-Kunsill qabel unanimament. Gie deċiż li ssir żjara fuq il-post bejn il-Kunsillier u s-Segretarju.

2. Il-Kunsillier irraporta għal mod ta' kif ġie ppublikat ir-rapport tiegħu fil-magazine tal-Kunsill. Il-Kunsillier informa li r-rapport tiegħu ma kellu xejn ħażin u għaldaqstant ma kellux jiġi iċċensurat. Ir-rapport tal-Kunsillier qed jiġi mehmuż ma dawn il-minuti.
*Wara diskuzzjoni fit-tul dwar is-suġġett, il-Kunsillier talab biex jiġi skużat. Ħin 7.00p.m.*

### Mill-Kunsillier Mario Fava

1. Il-Kunsillier irraporta dwar il-bżonn ta' refreskar ta' sinjali biż-żebgħa fi Triq l-Imgħażel.

2. Il-Kunsillier irraporta wkoll dwar il-bżonn ta' tindif f' Wied Mejxu.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETAJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Budget 2012 u l-Business Plan 2012-2015. Is-Segretarju spjega li l-figuri tal-budget ġew iffissati fuq tas-Sena preċedenti. Dan minħabba li l-allokazzjoni uffiċċjali għat-2012 għad ma waslitx mid-dipartiment. Wara spjegazzjoni fid-dettal, dawn ġew approvati unanimament.

2. Is-Segretarju Eekuttiv informa li għad fadallu xi outstanding vacation leave li jammonta għal 296 siegħa. Dan il-leave ma ittiehedx matul is-Sena 2011 minħabba l-esiġenza ta' xogħol għalhekk talab li l-Kunsill jikkonsidra li dan jiġi imġedded għas-Sena 2012. Il-Kunsill unanimament qabel li l-imsemmi vacation leave jiġi mġedded.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill 3 appraisal reports ta' tlett skrivana tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li dawn għandhom jingħataw full performance bonus ta' 6%. Fil-kas tar-Sinjorina Naomi Magri dan jingħata pro rata peress li din ma ħadmitx is-sena kollha. Il-Kunsill unanimament qabil li jingħata is-6% performance bonus lit-tlett skrivana.

4. Is-Segretarju informa li l-finanzi tal-kunsill qegħdin investiti mall-Bank of Valletta u li dawn jistgħu jiġu investiti f' kont li joffri aktar interess ma' l-istess bank. Is-Segretarju talab l-approvazzjoni li jitrasferixxi dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel unanimament mall-proposta. Il-Kunsillier Fenech ippropona. Is-Sindku ssekondat.

5. Is-Segretarju ppreżenta korrispondenza mingħand l-Avukati Farrugia, Gatt & Falzon. Din il-korrispondenza tirrigwardja talba għal kumpens għal ħsarat li saru minn ħaddiema tad-distrett qalgħu bankina biex issir ġdida fi Triq is-Swieqi kantuniera ma' Triq l-Imgħażel. Fil-lejl li inqalgħat il-bankina kienet għamlet ħafna xita li s-sidien tal-Garden View qed jallegaw li l-ilma ippenettra għal propjeta' tagħhom. Is-Segretarju informa li l-avukat tal-Kunsill diġa ġie infurmat bil-kas. Ġiet infurmata wkoll l-insurance tal-Kunsill. Is-Surveyor ta' l-insurance diġa żjara fuq il-post sabiex jevalwa l-ħsarat.

6. Is-Segretarju informa li fil-ġnien tat-Tennis hemm il-bzonn li jiġi installat xi dawl. Dan minħabba li l-girl guides qed jagħmlu użu mill-ġnien u t-Tennis Court sa tard filgħaxija. Il-kwotazzjoni ta' dawl ġdid li tinkludi wire, floodlights u labour tammonta għal €600.00. Il-Kunsill unanimament qabel mall-kwotazzjoni u talab biex dawn ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fiss.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETAJU EŻEKUTTIV

7. Is-Segretarju informa li kemm il-wire kif ukoll il-bozzoz installati fuq il-bejt tal-Kunsill inħarqu. Kwotazzjoni għal dawl LED kif ukoll wiring u timer ġdid tammonta għal €700.00. Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni u talab biex ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fiss.

8. Is-Segretarju informa dwar il-ħtieġa ta' fire extinguishers godda fil-Kunsill. Kwotazzjoni €38.00 kull cilindru ta' 2kgs $CO_2$. Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI

1. Gew approvati il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Curmi ssekonda.

**Il-laqgħa spiċċat fit-8.00p.m. u ġie deċiż li l-aġġornament issir wara l-festi. Gie deċż li l-laqgħa li jmiss isir fil-bidu ta' Jannar 2011 wara li ssir konsultazzjoni dwar data mall-Kunsillieri kollha.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**